# IR-RIFORMA FIS-SISTEMA TAL-KUMPILAZZJONIJIET U TAR-RINVIJI

Partit Nazzjonalista

# IR-RIFORMA FIS-SISTEMA TAL-KUMPILAZZJONIJIET U TAR-RINVIJI

Il-Partit Nazzjonalista huwa favur li ssir riforma fis-sistema tal-kumpilazzjonijiet u tar-rinviji sakemm din issir bħala parti minn riforma aktar ħolistika tas-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna. Huwa ċar għal kulħadd li s-sitwazzjoni gravi li tinsab fiha s-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna mhix riżultat biss tas-sistema tal-kumpilazzjonijiet u tar-rinviji iżda ta' numru ferm akbar ta' prattiċi u sistemi li matul is-snin baqgħu ma' ġewx aġġornati jew li saħansitra ġew implimentati b'mod żbaljat.

Fil-programm elettorali għall-elezzjoni ġenerali ta' Marzu 2022, il-Partit Nazzjonalista ppropona:

> **290. Nirriformaw il-mod kif isiru l-kumpilazzjonijiet biex il-każijiet quddiem il-Qrati ma jibqgħux isiru darbtejn.**

Il-Partit Nazzjonalista jqis li r-riforma proposta mill-Gvern bħala waħda li mhix b'saħħitha biżżejjed biex isseħħ il-bidla tant meħtieġa fis-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna.

Il-Partit Nazzjonalista jqis li jkun żball kbir jekk din ir-riforma waħedha titqies bħala s-soluzzjoni għall-problemi kbar li għandha s-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna, bl-akbar waħda tkun dik tad-dewmien eżaġerat fis-smigħ tal-kawżi.

# ASPETTI LI R-RIFORMA MA TINDIRIZZAX

Hemm ħafna aspetti tas-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna li r-riforma proposta mill-Gvern ma tindirizzax. Fost oħrajn dawn jinkludu:

1. Il-ħtieġa urġenti li jinħoloq Korp ta' Maġistrati li jkun iffukat esklussivament fuq l-inkjesti. Fid-diskors tal-budget għas-sena 2023, il-Ministru għall-Finanzi qal li l-Gvern ser iwettaq "*riforma fil-kamp tal-inkjesti maġisterjali, bil-ħolqien ta' sezzjoni ġdida li tispeċjalizza fl-inkjesti.*".

   Din hija proposta tal-Partit Nazzjonalista li issa l-Gvern qiegħed jgħid li ser iwettaq iżda mhux qed jgħid meta u kif ser iwettaqha. Meta wieħed ifittex fl-estimi finanzjarji għas-sena 2023 ma jsib lanqas ċenteżmu wieħed ivvutat biex jitwaqqaf dan il-grupp ġdid ta' Maġistrati biex jagħmlu l-inkjesti.

2. Il-ħtieġa urġenti li jiżdied in-numru ta' esperti u li jkun hemm reġistru tal-esperti li minnhom jistgħu jinħatru mill-Qrati ta' pajjiżna. F'dan ir-rigward għandu jkun hemm proċess komprensiv li permezz tiegħu jiġu identifikati esperti u ssir il-verifika tal-ħiliet professjonali tagħhom. Għandu jiġi żgurat li l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma jkollha l-ebda ndħil jew influwenza fid-deċiżjonijiet tal-Maġistrati dwar min għandu jinħatar bħala espert.

   Hemm ukoll il-ħtieġa urġenti li jkun hemm allokazzjoni finanzjarja adegwata għall-ħlas tal-esperti. L-ammont allokat għall-ħlas ta' esperti f'inkjesti maġisterjali għas-sena 2023 tnaqqas minn kważi €10 miljun fis-sena 2021 għal €5 miljun għas-sena 2023 (*line item* 5154). Dan huwa mod kif il-Gvern iwaqqaf milli jitkomplew u jiġu konklużi inkjesti importanti bħal dawk dwar il-Vitals-Steward, il-Panama Papers u oħrajn.

3. Il-ħtieġa urġenti li jiżdiedu n-numru ta' Maġistrati li jisimgħu l-kumpilazzjonijiet. Bħala medja f'Marzu 2023, kull Maġistrat f'pajjiżna kellu mal-110-il kumpilazzjoni pendenti quddiemu. F'Marzu 2023 f'pajjiżna kellna:

   – 15-il Maġistrat li kull wieħed kellu inqas minn 100 kumpilazzjoni pendenti quddiemu;
   – 5 Maġistrati li kull wieħed kellu bejn 100 u 200 kumpilazzjoni pendenti quddiemu;
   – 3 Maġistrati li kull wieħed kellu bejn 200 u 300 kumpilazzjoni pendenti quddiemu; u
   – 2 Maġistrati li kull wieħed kellu aktar minn 300 kumpilazzjoni pendenti quddiemu.

   It-total tal-kumpilazzjonijiet pendenti quddiem il-Maġistrati f'Marzu 2023 kien ta' 2,759.

4. Il-ħtieġa urġenti li kull Imħallef u Maġistrat ikollu r-riżorsi umani u finanzjarji kollha meħtieġa biex ikun jista' jaqdi d-doveri tiegħu b'mod effettiv u fi żmien raġjonevoli. Għalhekk għandu jiżdied in-numru ta' impjegati mal-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati, inkluż l-impjegati assenjati direttament mal-Imħallfin u l-Maġistrati, biex ikun indirizzat id-dewmien fis-smigħ tal-kawżi. Barra minhekk, l-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati għandha ttejjeb il-pagi ta' dawk li diġà huma impjegati magħha u tibda tattira lejha aktar persuni li huma ppreparati akkademikament u għandhom għarfien dwar prattiċi legali u proċedurali.

5. Il-ħtieġa urġenti li jiżdiedu n-numru ta' awli minn fejn jistgħu jaħdmu l-Imħallfin u l-Maġistrati fil-bini tal-Qorti. Il-problema tal-ispazju fil-bini tal-Qorti qed tkompli tiggrava b'seduti ma jistgħux isiru mill-Imħallfin u l-Maġistrati minħabba nuqqas ta' spazju.

S'issa l-Gvern għadu ma għamel xejn dwar il-proġett ta' estensjoni tal-bini tal-Qorti f'Malta f'binja oħra fi Triq id-Dejqa. Għas-sena 2022 kienu vvutati €600,000 u xorta ma sar xejn (*line item* 7459).

Fid-diskors għall-budget tas-sena 2023 il-Ministru tal-Finanzi qal li ser jaraw kif jużaw "*aħjar l-ispazju amministrattiv tal-Qorti billi jiġi kkonvertit f'bini ta' awli ġodda fil-bini prinċipali tal-Qorti bl0għan li nkomplu nżidu n-numru ta' seduti u fl-istess ħin innaqqsu t-tul tal-kawżi.*". Meta wieħed jara l-vot kapitali għal dan il-għan isib li dan tnaqqas minn kważi €800,000 fis-sena 2021 għal €500,000 għas-sena 2023 (*line item* 7608). Tnaqqis ta' €300,000.

6. Il-ħtieġa urġenti li tiddaħħal fis-seħħ sistema komprensiva ta' diġitalizazzjoni tas-servizzi tal-Qrati nkluż fi proċeduri kriminali biex jinqata' d-dewmien żejjed u tiżdied l-effiċjenza u l-aċċessibilità tal-pubbliku.

7. Il-ħtieġa li jiġi abolit il-bżonn li jkun hemm membri tal-Korp tal-Pulizija preżenti f'dawk il-każijiet li fihom l-Avukat Ġenerali huwa l-prosekutur. Fil-prattika l-membri tal-Korp tal-Pulizija qegħdin ikunu preżenti biex joħorġu r-riferti fl-aħħar tas-seduta. Dan il-proċess jista' jibda jsir mid-Deputat Reġistratur jew minn uffiċjal ieħor tal-Qorti maħtur għal dan il-għan. Il-membri tal-Korp tal-Pulizija għandhom jiffukaw fuq id-dmirijiet ewlenin tagħhom li jipprevjenu, jidentifikaw u jinvestigaw reati f'pajjiżna.

# IL-KUMMENTI DWAR IR-RIFORMA PROPOSTA

Il-Partit Nazzjonalista qed jippreżenta l-kummenti ġenerali u inizjali tiegħu dwar id-dokument ippubblikat mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

## 1. Il-kumpilazzjoni tintemm fi żmien sena

M'hemmx diffikultà li l-kumpilazzjonijiet jibdew jintemmu fi żmien sena minn meta l-imputat jitressaq jew jidher għall-ewwel darba quddiem il-Qorti. Madankollu għandu jiġi ċċarat x'inhuma l-konsegwenzi f'każ li l-prosekuzzjoni ma jirnexxiliex tressaq il-provi kollha fi żmien sena u għandu jkun hemm il-possibbiltà li dan iż-żmien jiġi estiż mill-Qorti għal raġunijiet speċjali u straordinarji.

## 2. Jiżdiedu l-każijiet fejn il-kumpilazzjoni tista' ma ssirx

Fil-kalkolu dwar il-pieni ta' 12-il sena ħabs għandu jiġi ċċarat jekk dan iż-żmien jinkludix ż-żieda fil-piena minħabba l-konkors ta' reati u ta' pieni, ir-reċidiva jew in-natura kontinwata tar-reat.

## 3. Il-prosekuzzjoni trid tmur il-Qorti bil-provi u tippreżentahom fi żmien massimu ta' sebgħin ġurnata

Hemm qbil li għandu jkun hemm massimu ta' żmien sa meta l-prosekuzzjoni għandha tmur il-Qorti bil-provi u tippreżentahom.

## 4. Numru ta' xhieda jkunu jistgħu jixhdu b'affidavit fil-kumpilazzjoni

Għandu jiġi stabbilit format dwar kif għandhom isir affidavit biex ikun hemm uniformità ft-tfassil u fil-preżentazzjoni tagħhom. Dan jgħin biex jiġi evitat li persuni li jkunu taw ix-xhieda tagħhom permezz ta' affidavit ma jkunux mitluba li jsir il-kontroeżami tagħhom viva voce. Għandu jkun hemm ukoll il-possibbiltà li d-difiża tindika u titlob lill-Qorti li għal raġunijiet speċjali espert ma jagħtix ix-xhieda tiegħu permezz ta' affidavit iżda jagħti x-xhieda tiegħu mill-ewwel viva voce.

## 5. Il-Qorti xorta tibda tisma' x-xhieda mill-ewwel

Hemm qbil li l-Qorti m'għandhiex toqgħod tistenna li jkunu ġew ippreżentati jew iddikjarati l-provi kollha biex il-Qorti tibda tisma' x-xhieda mill-ewwel. Dan jgħin biex ma jinħeliex ħin tal-Qorti u l-partijiet jkunu jafu mill-iktar fis possibbli x'għandhom xi jgħidu x-xhieda fil-każ.

## 6. Doumenti u provi mhux miġjuba waqt il-kumpilazzjoni jistgħu jinġiebu wara l-għeluq tagħha quddiem il-Qorti Kriminali, jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Hemm qbil li dokumenti u provi jkunu jistgħu jinġiebu quddiem il-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati wara li tkun għaddiet is-sena minn meta tkun bdiet il-kumpilazzjoni. Madankollu din għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. Għalhekk qiegħed jiġi suġġerit li dan għandu jitħalla jsir biss għal raġunijiet speċjali u straordinarji li jiġu ndikati fil-Kodiċi Kriminali u dejjem bl-approvazzjoni tal-Qorti li quddiemha jkun wasal il-każ.

## 7. Il-provi tal-imputat: id-dritt għas-silenzju

Mhuwiex ċar x'inhi l-intenzjoni tal-emenda kif proposta. Il-persuna akkużata m'għandhiex tiġi mġiegħla tiddikjara xi provi għandha iżda għandha titħalla fil-libertà torganizza u tmexxi d-difiża tagħha basta li dan iseħħ fl-istess massimu ta' żmien li għandha l-prosekuzzjoni, li kif qiegħed jiġi propost huwa ta' 70 ġurnata.

## 8. Id-digriet tal-*prima facie* li bih il-Qorti tiddeċiedi jekk hemmx provi biżżejjed biex l-akkużat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża

Hemm bqil mal-emenda kif proposta.

## 9. Korrezzjoni tal-atti waqt il-kumpilazzjoni

Hemm qbil mal-emenda kif proposta f'dan ir-rigward bil-għan li jiġi evitat ħela ta' ħin b'rinviji inutli mill-Avukat Ġenerali.

## 10. Tnaqqis mandatorju fil-piena f'każ ta' ammissjoni

Kwalunkwe tnaqqis fil-piena f'każ ta' ammissjoni għandu jsir biss f'parametri ċari u definiti fil-liġi. Dan sabiex persuni li tassew huma ħatja jagħrfu li għandhom jammettu fi stadju bikri tal-proċeduri u biex ma jkunx hemm abbuż minn persuni akkużati f'każijiet fejn il-prosekuzzjoni jkollha każ b'saħħtu ħafna kontra tagħhom. L-emenda kif inhi proposta ser twassal għal inqas persuni li jammettu fi stadju bikri ġaladarba l-emenda qed issir mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-patteġġjament li se jibqgħu kif inhuma.

Kwalunkwe tnaqqis fil-piena għandu dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti li quddiemha jkun qed jinstema' l-każ għaliex il-Qorti hija dejjem fl-aħjar pożizzjoni li tagħmel apprezzament ġust u xieraq tal-każ li jkollha quddimeha.

## 11. Miżuri biex jevitaw it-teħid ta' ħin tal-Qorti minn formalitajiet

Hemm qbil mal-emenda kif proposta b'dan illi għandhom jiddaħħlu fis-seħħ sistemi li jiżguraw l-awtentiċità tan-notamenti bil-miktub jew stampat fuq dokumenti li jsiru mir-reġistratur jew mill-uffiċjal tal-qorti li jkun qed jaġixxi minfloku. Kwalunkwe persuna li tagħmel in-notamenti bil-miktub fuq id-dokumenti għandha tagħmel dan biss wara l-awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz ta' digriet.

## 12. L-imputat li ma jingħatax il-libertà proviżorja mill-Qorti tal-Maġistrati jkollu dritt jitlob reviżjoni lill-Qorti Kriminali

Għandu jiġi ċċarat jekk bl-emenda kif proposta, l-imputat hux ser ikollu d-dritt ta' appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jew inkella hux sempliċiment qed jingħata d-dritt li jitlob stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar il-libertà proviżorja.

## 13. It-tqanqil ta' kwistjonijiet kostituzzjonali u ta' drittjiet fondamentali ma jwaqqafx il-kumpilazzjoni

Fil-prinċipju hemm qbil ma' din l-emenda iżda jkun aktar korrett jekk tiżdied emenda li tagħmilha possibbli li l-Qorti li quddiemha jitqanqlu kwistjonijiet kostituzzjonali u ta' drittjiet fondamentali tkun tista' tordna t-twaqqif ta' kumpilazzjoni meta jinġiebu quddiemha raġunijiet speċjali u straordinarji biex isir hekk.

## 14. Il-proċedura tar-rinviju mill-Qorti lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u lura tispiċċa

Hemm qbil li l-proċedura ta' rinviju titħassar mill-Kodiċi Kriminali. Għandu jkun żgurat li l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jkollu r-riżorsi umani meħtieġa biex jkun jista' jipparteċipa b'mod sħiħ u professjonali fil-kumpilazzjoni. M'għandux ikun aktar aċċettabbli li l-Avukat Ġenerali jonqos mid-dmirijiet tiegħu meta jidher f'kumpilazzjoni u jinforma lill-Qorti li jeħtieġlu aktar żmien biex jippreżenta l-provi.

## 15. Miżura dwar il-proċedura ta' wara li jsir l-att tal-akkuża

Hemm qbil mal-emenda kif proposta.

## 16. Il-vittmi

Apparti r-referenza għall-"*parti offiża*" fl-emenda li għandha x'taqsam mal-korrezzjoni ta' kull difett jew żball skont l-artikolu 389Ċ(4), mhuwiex ċar xi drittijiet ġodda qegħdin jingħataw lill-vittmi.

Il-proviso għas-subartikolu 4 tal-artiklu 389Ċ għandu japplika wkoll għall-prosekuzzjoni u għall-parti offiża u mhux biss għall-imputat.

## 17. Emendi minimi fil-Kostituzzjoni u fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea

Hemm qbil ma' dawn l-emendi b'dan illi jgħodd il-kumment t'hawn fuq dwar iż-żieda ta' emenda li tagħmilha possibbli li l-Qorti li quddiemha jitqanqlu kwistjonijiet kostituzzjonali u ta' drittjiet fondamentali tkun tista' tordna t-twaqqif ta' kumpilazzjoni meta jinġiebu quddiemha raġunijiet speċjali u straodinarji biex isir hekk.

## 18. Perijodu transitorju

Ġaladarba l-mod kif isiru l-kumpilazzjonijiet hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, għandu jkun possibbli li l-emendi proposti għall-Kodiċi Kriminali jkunu japplikaw għal kumpilazzjonijiet li diġà bdew jinstemgħu u mhux biss għal dawk li jibdew wara d-dħul fis-seħħ tagħhom tal-emendi.

# KONKLUŻJONI

Filwaqt li huwa meħtieġ li ssir riforma fis-sistema tal-kumpilazzjonijet u tar-rinviji, il-Partit Nazzjonalista jqis ir-riforma proposta mill-Ministeru għall-Ġustizzja bħala waħda li mhix b'saħħitha biżżejjed biex isseħħ il-bidla tant meħtieġa fis-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna.

Għalhekk filwaqt li l-Partit Nazzjonalista ser jipparteċipa b'mod sħiħ u attiv fil-proċess parlamentari dwar id-dħul fis-seħħ tar-riforma proposta, ser ikun qiegħed ukoll jippreżenta numru ta' emendi li jindirizzaw nuqqasijiet li hemm fl-abbozz propost mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

Sistema ta' ġustizzja ineffiċjenti u ineffettiva hi piż inġust fuq il-familji u n-negozji, filwaqt li ddgħajjef il-kompetittività ta' pajjiżna. Meta l-Gvern ma jinvestix fis-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna, ikun qed jagħżel li ma jirrispettax is-Saltna tad-Dritt u jkun qed ixekkel liċ-ċittadini mit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom.

Għalhekkk il-Partit Nazzjonalista ser ikompli jisħaq dwar il-bżonn li l-punti mniżżla f'dan id-dokument jiġu indirizzati mill-iktar fis possibbli bil-għan li pajjiżna jkollu sistema ta' ġustizzja li tkun effiċjenti, effettiva u ġusta.

Partit Nazzjonalista
Dar Ċentrali P.N., Triq Herbert Ganado, Tal-Pietà PTA 1450
info@pn.org.mt
pn.org.mt